MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 300/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Robert Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ attrici tal-24 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti, wiehed minnhom fl-atti tan-Nutar Dottor Louisa Vella Bardon tat-22 ta’ Awwissu 2008 (Dok. A), u t-tnejn l-ohra fl-atti Nutar Dottor Malcolm Camilleri datati 13 ta’ Awwissu 2009 (Dok. B u Dok. C), kif ukoll fl-iskrittura privata datata 15 ta’ April 2010 (Dok. D), is-socjeta’ attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Robert Sciberras;

2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Robert Sciberras fis-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin elf, seba’ mija u disa’

ewro u hamsa u erbghin centezmu (€233,709.45) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Robert Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. E1 sa E8 u Dok F1 sa F2, Dok. G, Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I2, Dok. J1 sa J2, Dok. K u Dok. L) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B, C u D), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Robert Sciberras,
(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Robert Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Robert Sciberras gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 16 ta’ Dicembru 2010, li kopja taghha qed tigi hawn ezebita w immarkata Dok. M, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa’ inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratti u skrittura fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument A, B, C u D) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Robert Sciberras (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali

fic-cirkostanzi tal-istess Robert Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici; u

2. Tikkundanna lil Robert Sciberras ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tlieta u tletin elf, seba’ mija u disa’ ewro u hamsa u erbghin centezmu (€233,709.45) bilanc ghad-debitu fil-”*Loan* u *Overdraft Accounts*” ta’ Robert Sciberras mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. E1 sa E8 u Dok F1 sa F2, Dok. G, Dok. H1 sa H2, Dok. I1 sa I2, Dok. J1 sa J2, Dok. K u Dok. L) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Jannar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta’ Dicembru 2010 kontra l-konvenut li hu ingunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta’ rikorrenti;

Semghet ix-xhieda tal-konvenut Robert Sciberras fejn ammetta w ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub mill-bank attur fir-rikors guramentat huwa kollu dovut sallum;

Wara li l-Qorti ezaminat  l-atti, jirrizulta illi t-talba tal-bank attur tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. M annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-intimat), bl-ispejjez  u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------